MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2010

Numru 1162/2009

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ANGELO GAFA’**

**KONTRA**

**HEMIDA ABDEL SALEH MOHAMED HEMIDA ELSAKA ta’ 39 sena, iben Abdel Saleh u Fatima, imwieled Kafrelsheikh, l-Egittu nhar it-12.05.1970, residenti Rashed, Kafrelsheikh, l-Egittu, detentur ta’ passaport Egizzjan bin-numru 3869265;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi **HEMIDA ABDEL SALEH MOHAMED HEMIDA ELSAKA** li gie akkuzat fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana u tal-Kummissarju tal-VAT talli:

Nhar il-31 ta' Ottubru, 2009, wara tfittxija li saret minn ufficjali tad-Dwana fuq il-Bastiment MFV 'Al Basil 1', gewwa l-Port il-Kbir, instab li xjentement kellu b'xi mod x'jaqsam, filli bil-qerq jinharab jew jigi ttentat li jinharab id-Dazji/Taxxi dovuti, billi kellu fil-pussess u/jew taht il-kontroll tieghu l-oggetti hawn taht deskritti, kif ukoll naqas li jiddikkjara l-istess oggetti lill-ufficjali tad-Dwana:

a. Kartuna b'200 sigarett kull kartuna – Marlboro Lights

b. 10 kartuniet b'200 sigarett kull kartuna u 5 pakketti b'20 sigarett kull pakkett Cleopatra;

c. 11-il kartuna b'200 sigarett kull kartuna – L & M Blue Label;

d. 50 kartuna b'200 sigarett kull kartuna – L & M Red Label;

e. 150 kartuna b'200 sigarett kull kartuna – Rothmans Blue.

Dawn is-sigaretti ghandhom valur, dazju tas-SISA, dazju ta' Importazzjoni u TAxxa fuq il-Valur Mizjud kif jidher hawn taht:

| | VALUR | DAZJU TA' IMPORTAZZJONI | DAZJU TAS-SISA | TAXXA FUQ IL-VALUR MIZJUD |
|---|---|---|---|---|
| a | €5.80 | €3.34 | €22.91 | €5.77 |
| b | €60.90 | €35.08 | €240.51 | €60.57 |
| c | €63.80 | €36.75 | €251.97 | €63.45 |
| d | €290.00 | €167.04 | €1145.30 | €288.42 |
| e | €870.00 | €501.12 | €3,435.90 | €865.26 |
| TOTAL | €1290.5 | €743.33 | €5096.59 | €1283.47 |

Dawn is-sigaretti, li l-importazzjoni u l-pussess taghhom huma projbiti u/jew ristretti u/jew limitati, ghandhom valur totali ta' €1,290.50c, dazju ta' importazzjoni ta' €743.33c, dazju tas-SISA dovuta ta' €5,096.59c, kif ukoll Taxxa fuq

il-Valur Mizjud li tammonta ghal €1,283.47c, liema Taxxa fuq il-Valur Mizjud ma gietx imhallsa u/jew kawtelata.

Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 60(h), (k), 62(a), (f), (g), (h), (i), (k), 69(1), (2), u paragrafu (a) tal-Proviso ta’ l-Artikolu 62 ta’ l-Ordinanza tad-Dwana, Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta’ Malta, u kif ukoll Artikoli 16(1), (j), u 17(a) ta’ l-Att dwar Dazju tas-SISA, Kapitolu 382 tal-Ligijiet ta’ Malta, u l-Artikolu 80 ta’ l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att nru XXIII ta’ l-1998).

U aktar talli f’dawn il-Gzejjer, fit-30 ta’ Ottubru, 2009, fil-kapacita’ tieghu ta’ kaptan tal-Bastiment MFV ‘Al Basil 1’, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz (Artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

Rat li moqrija l-istess, huwa wiegeb li ma kienx hati, kif ukoll illi ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji;

Rat ukoll il-kunsens ta’ l-Avukat Generali ghal dan l-iskop;

Rat il-provi kollha prodotti;

Semghet ukoll it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Fl-ewwel lok taghmel referenza ghall-letters to continue ezebiti bhala DOK AG3 (folio 8), DOK AG4 (folio 9) korrezzjoni successive li saret fil-konfront ta’ dak dovut in kwantu VAT, ara xhieda ta’ Paul Scicluna a folio 132 u d-dokument AG 5 folio 134, 135.

Illi in succinct tax-xhieda ta’ l-Ispettur Angelo Gafa’ li nhar l-1 ta’ Novembru, 2009 huwa kien gie nfurmat illi l-gurnata ta’ qabel id-Dwana Maltiija kienu sabu fuq il-bastiment Al Basil 1, ammont ta’ sigaretti tal-kuntrabandu.

Xehed ghalhekk fuq is-sejba tas-sigaretti li ghamlu l-ufficjali tad-Dwana, ghal liema tfittxija l-Ispettur ma kienx prezenti. Ghalhekk l-Ispettur deponenti kien ha stqarrija lill-Kaptan imputat prezentata bhala DOK AG 6, folio 35. Tkellem ukoll ma' certu Angelic Mifsud li kien l-agent li f'Malta tal-bastiment in kwistjoni. Dan ikkonferma li hu kien iffirma d-dikjarazzjoni li fuq din il-lanca ma kien hemm xejn x'jigi dikjarat skond l-informazzjoni li hu rcieva minghand il-Kaptan/imputat, tramite l-interpretu certu Ahmed Arafa.

Xehed ukoll l-Ispettur li ta' dan Ahmed Arafa ta anke stqarrija fejn dan ammetta li kien ghamilha ta' nterpretu fil-konversazzjoni bejn l-agent u l-kaptan meta l-lanca dahlet Malta.

Ikkonferma l-Ispettur in kontro ezami li l-Kaptan, allura l-imputat, ma kienx jifhem bil-Malti, ghalhekk allura ntuza Ahmed Arafa bhala nterpretu. Ghalhekk ikkonferma wkoll illi dak li qal lill-kaptan/imputat, qalulu biss tramite l-interpretu.

L-Ispettur Gafa' pprezenta ghalhekk stqarrija ta' Hemida Elsaka (l-imputat) mehuda fl-1 ta ta' Novembru, 2009 fis-1.15 ta' wara nofsinhar, DOK AG 6 a folio 35.

Aktar tard fl-istess seduta, l-Ispettur Gafa' spjega li Ahmed Arafa kien gie mal-Kaptan volontarjament biex jitkellem ma' l-Ispettur. Mieghu Arafa kien ammetta li kien ilu joqghod Malta ghal aktar minn sentejn, tant li kellu kumpanija tal-hut bi shab ma' certu Darren Debono bl-isem ta' A D J Saltfish. Ikkonferma ma' l-Ispettur dan Arafa, illi huma t-tnejn, cioe' hu u Debono, kienu krew din il-lanca tas-sajd, cioe' l-Al Basil I, bil-crew b'kollox ghal erba' xhur. Ghalhekk ezebixxa l-Ispettur id-dikjarazzjoni rilaxxata minn dan Arafa bhala DOK AG9 (folio 73).

Ikkonferma l-Ispettur illi l-komunikazzjoni bejnu u bejn Arafa saret bil-Malti. Anzi qal illi kellmu daqs li kieku kien qieghed ikellem Malti. Jghid illi ma kellu ebda diffikulta' li

jikkomunika mieghu. Xehed ukoll illi Arafa volontarjament ghamilha ta’ nterpretu.

Minhabba l-attitudni li ha dan Arafa bil-gurament – succinct ta’ xhieda riprodott aktar ‘l isfel, il-Qorti accettat illi jigi dikjarat xhud ostili, ghalhekk l-Ispettur ezebixxa l-istqarrija ta’ Arafa, DOK AG 10 (folio 74).

Ammetta ghalhekk l-Ispettur illi dak l-istess bniedem li huwa uza bhala nterpretu fl-istqarrija ta’ l-imputat, kien ghalhekk gie minnu nterrogat taht ‘caution’, biex jikkonferma l-verzjoni li lilu kien tah Angelic Mifsud (folio 63). Baqa’ jinsisti l-Ispettur li dan ghamlu biss biex jaccerta dak illi l-kaptan qal lil Angelic Mifsud, cioe’ illi abbord ma kellu xejn x’jiddikkjara, tramite l-interpretu Arafa.

Ghalhekk l-Ispettur Gafa’ pprezenta dikjarazzjoni ta’ Ahmed Arafa (folio 73, DOK AG9), u stqarrija ta’ l-istess Arafa, (folio 74 DOK AG10).

Ghalhekk fid-dikjarazzjoni mehuda fl-1 ta’ Novembru, 2009, fil-11.55, Arafa ddikkjara li hu kien ilu aktar minn sentejn joqghod Malta, tant illi kellu kumpanija tal-hut ma’ siehbu Darren Debono. Jghid illi hu u Darren krew skuna Al Basil I bil-crew b’kollox, biex il-hut li jinqabad ibieghuh huma. Zied f’din id-dikjarazzjoni li hu kien hemm (ghand l-Ispettur minn jheddu), u aktar li jikkonferma li kien f’posizzjoni li jaghmilha ta’ nterpretu, stante li l-kaptan ma kienx jifhem la bil-Malti u lanqas bil-Ingliz.

Aktar tard Arafa rrilaxxa stqarrija, issa f’12.35. Hawn ikkonferma li Angelic Mifsud talbu jistaqsi lill-kaptan jekk kellux x’jiddikkjara mad-Dwana. Qal illi staqsieh jekk kellux cargo u dan wiegbu, cioe’ l-kaptan, illi le. Qal Arafa li kien qallu li kellu xi sigaretti xi jpejpu, izda dawn kienu fi kwantitajiet zghar u cioe’ xi grossa jew tnejn kull wiehed.

Dan Ahmed Arafa ttella’ wkoll jixhed mill-Ispettur Gafa’ in sostenn ta’ dak minnu dikjarat u li qal fl-istqarrija.

Ahmed Arafa viva voce qal illi hu kien biss jifhem naqra bil-Malti, anzi nonostante li kien ilu Malta tlitt snin xtaq anke l-ghajnuna ta’ nterpretu. Anzi zied illi meta ndahal (suggeriment tal-Qorti) biex jaghmilha ta’ nterpretu, hu ma kienx qieghed jifhem kollox. Qal illi fehem li kienu nqabdu s-sigaretti u fiehem dan lill-kaptan. Qal illi waqt l-istqarrija “l-Ispettur kien qieghed jipprova jispjegali b’mod semplici d-domanda u jiena d-domanda nghaddieha lill-akkuzat u r-risposta nghaddieha lill-Ispettur b’mod semplici” (folio 54).

Qal ukoll illi hu t-twegibijiet ta’ l-akkuzat fehmhom kollha, stante li kienu bl-Egizzjan, pero d-domandi ta’ l-Ispettur ma fehmhomx ghax bil-Malti ma kienx jifhem hafna.

Minn naha tieghu Angelic Mifsud xehed illi hu kien jaghmel xoghol ta’ dhul u hrug ta’ bastimenti mil-portijiet. B’referenza ghad-DOK JB 3, gia’ mmarkat bhala DOK 17A, 17B, 17C, fiehem li dawn saru meta Al Basil I dahlet f’Malta (bhal fil-kaz ta’ kull bastiment iehor).

Tkellem li Ahmed kien qallu li dan il-bastiment kellu bzonn jidhol Malta. Jghid illi dan Ahmed jifhem ftit bil-Malti u ftit bl-Ingliz, li pero ma kienx jifhem daqshekk bil-Malti daqs li kieku kienu qeghdin jitkellmu zewg Maltin. Ikkonferma li normalment kien ikellmu bil-Malti. Qal illi fil-maggoranza huma kienu jiftehmu bejniethom. Spjega dan ix-xhud x’kienu l-mistoqsijiet li jsiru lill-bastimenti, fosthom anke kellhomx x’jiddikkjaraw mad-Dwana. Jghid illi dawn il-mistoqsijiet ghamilhom lil sid il-bastiment certu Ahmed. Jghid illi t-twegiba jekk kellhomx xi haga x’jiddikkjaraw fuq l-Al Basil I kienet ‘nothing to declare’. Xehed ukoll illi meta ghamel il-mistoqsijiet lil sid il-bastiment, hdejh kien hemm il-kaptan. Jghid illi hu beda jkellem lil Ahmed, u dan Ahmed Arafa lill-kaptan, pero ma setax jifhem x’beda jinghad ghax bejniethom bdew jitkellmu bl-Egizzjan. Ikkonferma li staqsa lil Ahmed kienx hemm abbord affarijiet x’jigu dikjarati, pero kkonferma wkoll illi dak li ntqal bejn il-kaptan u dan Ahmed huma ma setax jifhmu.

In kwantu l-mertu ta' din il-kawza xehdu diversi ufficjali tad-Dwana li kienu nvoluti fit-tftittxija fuq l-Al Basil I.

Ghalhekk Jesmond Vella, ufficjal tad-Dwana flimkien ma' shabu, xhud illi ghamel l-ewwel search fuq il-vapur Al Basil I. Jghid illi hawn sabu persuna li jisimha Hasan Arafa. Staqsewh ghall-kaptan, wegibhom li dan kien Marsaxlokk. Waqt dan ir-remmigg wasal il-kaptan ma' persuna bl-isem ta' Ahmed, wiehed mill-partners ta' certu Darren Debono. Tramite dan Ahmed avzaw lill-kaptan bil-hsieb tat-tftittxija. Fl-ewwel tfittxija gew elevati ammont ta' sigaretti – tnejn u ghoxrin grossa u hames pakketti. Ipprezenta ghalhekk ricevuta tal-qabda DOK JV.

Aktar tard l-ufficjali tad-Dwana gew moghtija struzzjonijiet biex tigi affettwata tfittxija aktar intensiva. Hawn instabu master case L & M u tliet master cases Rothmans. Dawn instabu fil-pruwa tal-lanca, fejn kien hemm kompartament li darba li tifthu ssib xkejjer tar-ross, dan fir-rigward ta' L & M, mentri r-Rothmans kienu f'toqbda vicin il-pruwa.

Xehed li tul is-search kienu assistiti minn Ahmed Arafa li dan mieghu dejjem ftehmu bil-Malti, tant illi dan ix-xhud anke qal illi dan Arafa anke beda jwiegbu lura (folio 149). Zied ukoll ix-xhud illi tramite Arafa, fl-ewwel search, il-kaptan gie mistoqsi kellux aktar sigaretti, wiegeb illi le.

Is-Sur Caruana, wkoll fizzjal tad-Dwana, tkellem fuq l-ewwel tfittxija li saret fuq Al Basil I. Hawn gew elevati tnejn u ghoxrin grossa sigaretti, u hames pakketti loose mill-kabini tal-crew. Fuq informazzjoni ta' aktar sigaretti fuq dan il-bastiment saret it-tieni tfittxija u gew elevati l-master cases. Xehed illi ra lil Jesmond Vella jikkomunika mar-rapprezentant tal-vapur, certu Hasan Arafa. Sussegwentement wasal fuq il-vapur il-kaptan ma' certu Ahmed. Ikkonferma li bdew jikkomunikaw mal-kaptan tramite dan Ahmed u li lil dan Ahmed bdew ikellmuh bil-Malti. Meta staqsewh lill-kaptan kienx jaf bis-sigaretti, wiegeb fin-negattiv. Dan id-diskors sar tramite Ahmed.

Fit-tieni tfittxija jghid illi kien hemm 'store' fil-pruwa li kien mimli bir-ross, hemm ma nstab xejn, pero f'bokkaport taht

il-pruwa nstabu tliet master cases ohra ta' sigaretti. Jghid illi biex kienu vizibbli dawn is-sigaretti kellhom jitnehhew l-ixkejjer tar-ross. Jghid fil-fatt in kontro ezami li f'dan l-istore fejn instabu l-master cases kollox kien mitfugh fuq xulxin.

John Azzopardi, wkoll ufficjal tad-Dwana, tkellem dwar it-tieni tfittxija li saret abbord l-Al Basil I. Qal illi ghamilha ta' nterpretu certu Hasan Arafa. Mieghu tkellmu bl-Ingliz. Jghid illi dan Hasan Arafa beda jaghmilha ta' nterpretu ghaliex il-kaptan ma kienx jitkellem bl-Ingliz.

Avza lill-crew illi kienu ser jergghu jfittxu ghas-sigaretti. Hawn il-crew gabu anke s-sigaretti (il-ftit) li kienu hallewlhom ma' l-ewwel tfittxija. Innota bokkaport kwadru ma' l-art, hemm meta fethuh sabu hafna xkejjer tar-ross u provvisti ta' l-ikel. Meta qallbu dawn l-ixkejjer, sabu sigaretti L & M. Jghid illi mar ukoll fil-pruwa, hemm ra "opening zghir tal-pruwa qisu daqs sitt pulzieri triangle u kelli t-torch ittawwalt fiha u rajt kaxxi tar-Rothmans taht" (folio 181).

Hawn tnehhew l-ixkejjer tar-ross u tfacca bokka port iehor – gieghel lill-crew jifthuh. Hawn sabu tliet kaxxi tas-sigaretti Rothmans.

Regghet harget ricevuta ta' dawn.

Ikkonferma li l-kaptan tramite Hasan, kien qalilhom li ma kienx jaf b'dawn is-sigaretti u li kien ilu jahdem fuq id-dghajsa biss hamest ijiem.

PS 474 Norbert Said xehed dwar il-fatt illi hu assista ghat-tfittxija fuq l-Al Basil I fejn il-kaptan kienu qeghdin jikkomunikaw mieghu tramite Ahmed Arafa bl-Ingliz. Anzi jghid illi Arafa anke nfurmahom li hu kien jitkellem anke bil-Malti, allura bdew ikellmuh b'hekk. Jghid dan ix-xhud illi aktar tard anke ttiehdet dikjarazzjoni lil Arafa li ddikkjara li kien jifhem bil-Malti u li kien lest jaghmilha ta' nterpretu.

Jghid dan ix-xhud illi meta bdew ikellmu lil Arafa bl-Ingliz, dan qallhom li hu kien jaghraf bil-Malti (folio 190). Jghid illi

kellimhom b'Malti normali. In kontro ezami dan is-Surgent qal illi hu ma kienx jaf bl-Egizzjan, allura ma kienx jaf Arafa x'kien qieghed jghid lill-imputat. Hu kkonferma li Arafa ma setax jaqra l-Malti miktub fuq l-istqarrija (folio 195).

Minn naha tieghu Darren Degabriele xehed illi Ahmed Arafa kien jikkomunika mieghu bil-Malti mkissser, u ftit bl-Egizzjan.

PC 569 Anthony Cassar xehed ukoll dwar dan Arafa li ghamilha ta' nterpretu waqt l-istqarrija. Qal illi hu lil dan Arafa kellmu, u kellmu b'mod normali.

Hemida Elsaka, l-imputat, irrilaxxa stqarrija lill-pulizija nvestigattiva u aktar tard ghazel li jixhed viva voce.

Fl-istqarrija ezebita a folio 35, Hemida Elsaka kif issa jirrizulta ampjament kien assistit bhala nterpretu minn Ahmed Arafa.

Fl-istqarrija qal illi kien il-kaptan ta' l-iskukna Al Basil I u li kien dahhal l-istess Malta jumejn ilu wara nofsinhar. Qal illi abboard b'kollox kienu tmienja minn nies. Qal ukoll illi hu kien dahal Malta biex jirranga hsara li kellu fil-friza. Qal illi lill-agent kien qallu li ma kellux cargo. Ikkonferma pero li lil Ahmed qallu li kull dahri kellu s-sigaretti, cioe' xi grossa kull wiehed.

Qabel ma' dak l-ammont ta' sigaretti li nstabu fuq il-lanca. Mistoqsi ghala ma qalx lill-ufficjali tad-Dwana b'dawn, wiegeb illi ma kinux staqsewh ghalihom. Ammetta pero li kien jaf  b'dawn is-sigaretti. Qal illi dawn is-sigaretti kien gabhom mieghu mill-Egittu, u li ma kellu ebda ntenzjoni jbieghhom hawn Malta – pero li jpejjiphom stante li jqattghu tul ta' zmien fuq il-bahar. Ammetta li kien hu li tefa' dawk il-kaxxi fl-istiva, qabel ma telqu mill-Egittu.

Minn naha l-ohra viva voce qal illi hu dahal Malta bil-bastiment ghax kellu l-hsarat: ix-xaft tal-magna li dahal l-ilma u l-friza. Qal illi cempel lis-sid cioe' lil Ahmed Arafa li tah il-go ahead li jidhol Malta. Ikkonferma li fuq il-

bastiment kienu tmienja b'kollox. Qal illi l-hsieb kien li jaghmlu minn xahrejn sa tlitt xhur fuq il-bahar. Qabel ma telqu mill-Egittu kellhom provvisti ta' zejt, zokkor, u ross. Qal illi xtrahom sid il-bastiment. Ma jafx min stiva dawn il-provvisti u lanqas kien prezenti ghal dan il-fatt.

Mistoqsi allura kif kien jaf xi provvisti kellu abboard, wiegeb illi hu ma jiccekkjax pero bhas-soltu dawk il-provvisti li jkun hemm. Qal illi jkun ic-chef li jivverifika dawn l-affarijiet. Pero nonostante cio' xehed ukoll, xorta jkun jaf li hemm il-provvisti, anzi qal illi jkun cert.

Xehed ukoll illi dawn it-tmienja minn nies abbord kollha kienu jpejpu. Qal ukoll illi huma qatt ma kellhom intenzjoni li jidhlu Malta darba li telqu mill-Egittu. Ikkonferma li tad-Dwana waslu fuq il-lanca ghal aktar minn erba' u ghoxrin(24) siegha.

Ikkonferma li l-pakketti kollha li kieku tpejpju, ghalih circa 270 pakkett, li kienu jpejjep hu matul it-tlitt xhur, kien izommhom gol-kabina tieghu. Il-bahrin gewwa l-istores ma' l-ikel.

Ikkonferma li hu ma kienx jifhem bil-Malti. Ikkonferma li rrilaxxa stqarrija bl-ghajnuna ta' Arafa. Qal illi hu ma rrispondiex lil Arafa li ghalkemm ma kellux cargo, li pero kull bahri kellu s-sigaretti tieghu. Jghid illi hu kien qieghed jirreferi biss ghal dawk is-sigaretti li kellhom il-bahrin. Pero mistoqsi mbaghad mill-Avukat Difensur, jghid illi hu ma rrispondiex hekk ghal dik id-domanda.

Qabel fil-kumplament mal-fatt illi ma kienx jaf l-ammont ta' sigaretti fl-istores, kif ukoll fejn instabu mahzuna l-istess. Anzi jghid illi ma kienx jaf fejn kienu dawn is-sigaretti.

Dwar il-fatt li hu rrisponda li lil tad-Dwana ma kienx qallhom bis-sigaretti ghax ma staqsewhx ghalihom, issa qal illi dik id-domanda sa gietx spjegatha lilu b'dak il-mod.

Mistoqsi mill-Qorti la kien jaf bis-sigaretti ghax ma qabadx u qal bihom lil tad-Dwana, wiegeb illi hu kellu f'mohhu li tad-Dwana ma kinux qeghdin ifittxu affarijiet tieghu u tal-

bahrin, imma xi affarijiet ta’ kuntrabandu. Ghalhekk ma qallhom b’xejn. Insista pero li ma kienx jaf bil-kwantita’ ta’ sigaretti.

Innega li fl-istqarrija huwa uza l-kelma ‘bzajt’. Qal illi hu mhux beza’ imma nkwieta peress illi ra folla ta’ nies u taqlib.

Rega’ nsista issa li ma ddikjarahomx is-sigaretti, ghax hadd ma staqsieh ghalihom, kif ukoll illi kienu ntizi biss ghalih u ghall-bahrin.

Ma qabilx fejn qal fl-istqarrija, illi kien hu li pogga dawn is-sigaretti fl-istiva, qal illi dan lil Arafa qatt ma qalulu.

Qabel l-imputat mas-suggeriment tal-Qorti li f ‘dawk il-partijiet fejn fl-istatement jghid illi kien hu li pogga s-sigaretti fl-istore, dan qatt ma kien qalhom lil Arafa.

Qabel in kontro ezami, stante l-kalkolu ta’ kemm kienu ser ipejpju hu u l-crew ghal tlitt xhur, li l-ammont li kellu jitpejjep minnhom kien allura vicin l-ammont misjub mid-Dwana.

Qal ukoll illi allura hu ma qalx lil tad-Dwana b’dan ghax ma fehmhomx u ghax qatt ma kienu qeghdin jaghmlu domandi diretti lilu.

Baqa’ jinsisti li hu ma fehemx ghala marru tad-Dwana fuq il-lanca.

In difesa ttella’ jixhed Joseph Amato, martime engineer li ghamel survey fuq il-lanca Al Basil I. Qal illi l-bastiment dahal ghax kellu ingress of water mix-shaft tieghu, kellu tankijiet li gew collapsed. Jghid illi fl-istat li kien ma kienx tajjeb ghall-bahar. Qal illi fil-fatt il-bastiment kien kwazi limped into harbour ghax kellu hsarat. Qal ukoll dan il-martime engineer illi barra l-hafna hsarat li kellu, kellu anke hsarat fil-friza, ghalhekk ma setax izomm il-hut maqbud. Ezebixxa rapport tar-rizultanzi tieghu, DOK JD.

Ikkonsidrat:

Illi fl-ewwel lok din il-Qorti thoss illi ghandha tigi solvuta l-kwistjoni ta’ l-uzu ta’ Hasan Arafa bhala interpretu mill-Ispettur Gafa’, biex anke jassisti waqt it-tehid ta’ l-istqarrija.

Illi dan kollu jrid jittiehed ukoll in konsiderazzjoni tal-fatt illi Arafa Hasan meta ttella’ jixhed, sa gie dikjarat xhud ostili, ghaliex ta l-impressjoni li hu bil-Malti ma kienx jifhem, allura li qatt ma seta’ ghen lill-imputat billi ghamilha ta’ nterpretu.

Illi l-Qorti ma tistax ma taqbilx mad-Difiza hawn illi l-mod li mexa bih l-Ispettur Gafa’ ma kien xejn deziderabbli – huwa stramb u jista’ jkun anke perikoluz li bniedem illi kien ghadu kif jinghata l-caution, wara ntuza bhala nterpretu, fit-tehid ta’ l-istqarrija ta’ l-imputat. Dan ghaliex stante li hadd ma kien qieghed jifhem bl-Egizzjan, fil-lingwa ta’ Arafa u l-imputat, hadd ma seta’ jkun cert kemm Arafa, jekk emmen li kien suspettat, kien qieghed jipprotegi lilu nnifsu, ghad-dannu ta’ l-imputat.

Fil-fatt l-imputat meta xehed viva voce, haga tal-ghageb, kines biss mill-istqarrija senjalament dik il-parti fejn, anke skond Arafa u Angelic Mifsud, hawn ammetta li kien jaf bl-ezistenza tas-sigaretti abbord, tant illi kien ilu li xtrahom mal-provvisti. Tista’ tghid illi fil-kumplament ma tantx biddel mill-istqarrija.

Illi nonostante li l-Qorti hija tal-fehma li l-Ispettur Gafa’ ma mexxiex bl-aktar mod deziderabbli, mhux pero rizultat ta’ malizia, anzi biex jivverifika l-verzjoni ta’ Mifsud, minn naha l-ohra hija l-fehma tal-Qorti li Arafa ma kien xejn veritjier fuq il-pedana tax-xhieda. Donnu issa li nduna dak illi kien l-effett ta’ dak li ttraduca, ghazel issa li jiddeponi li ma jifhimx bil-lingwa Maltija. Dan kollu nonostante li ilu jahdem mal-Maltin u gej u sejjer ‘l hawn tlitt snin. Fil-fatt tista’ tghid illi l-unika bniedem illi sa certu punt iffavorixxa l-fatt li dan Arafa ma kienx jifhem jew jiftiehem daqstant bil-Malti, bl-intiza li allura ma kienx tajjeb ghal interpretu, kien sieheb l-istess Arafa, Darren Degabriele. Xhud dan illi fl-opinjoni tal-Qorti, anke mil-attitudni li gie biha u

ddepona biha, ukoll ma tantx kien veritjier. Minn naha l-ohra kull ufficjal tad-Dwana deponenti, kull ufficjal tal-pulizija xehdu li Arafa kien jifhem u jiftiehem sew bil-Malti. Oltre dan donnu Arafa nesa li ghamel dikjarazzjoni (mhux stqarrija u qabel l-istess stqarrija) li hu kien jifhem bl-lingwa Maltija.

Pero nonostante dan kollu, anke jekk ghall-grazzja ta' l-argument il-Qorti tiskarta l-istqarrija ta' l-imputat, wiehed xorta jasal ghal dik li hija l-verita' minn dak illi qal l-imputat biss in viva voce u mill-fatti kif graw fit-tfittxija fuq il-lanca.

Saru zewg tfittxijiet fuq il-lanca. Fl-ewwel wahda ttiehdu ammont zghir ta' sigaretti. Nonostatne li saret it-tieni tfittxija, il-kaptan, bi skuza li mhux mistoqsi, naqas li javza lid-Dwana bl-ammont aktar ta' sigaretti li kellu abbord.

Lanqas ma jista' jghid il-kaptan illi ma kienx jaf b'dan l-ammont. Anzi ammetta li stante li l-crew kollu kien ipejjep, tenut kont ta' l-ammont li kienu jpejjpu, tenut kont taz-zmien illi kellhom fuq il-bahar, allura bil-fors li kellu dak l-ammont ta' sigaretti abbord.

Nonostante cio', konsapevoli ta' l-ewwel tfittxija – b'ordni anke li l-vapur ma jitlaqx mill-port – konsapevoli allura li x'imkien abboard kellu ammont kbir ta' sigaretti ohra stivati, naqas illi javza bihom lid-Dwana.

Illi barra minn dak kollu premess, din il-Qorti lanqas ma taqbel mad-Difiza li dan l-agir ma kienx in responsabblita' tal-kaptan tal-lanca in kwantu tali. F'dan ir-rigward id-Difiza, ghamlet referenza ghall-Artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Ligijiet ta' Malta, cioe' l-Att dwar l-Interpretazzjoni, fil-fatt ir-responsabbilta' tal-kaptan versu l-Ligi tad-Dwana tohrog mill-Kapitolu 37 innifsu, vide Artikolu 6 ta' l-istess. Huwa car mill-Kapitolu msemmi li l-obbligu tad-dikjarazzjoni tal-taghbija fuq kull bastiment taqa' fuq il-kaptan ta' l-istess.

Illi tenut kont dan kollu premess, din il-Qorti qieghda ssib htija wara li rat l-Artikoli 60, 62, 68, 69 tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikiolu 80 ta' l-Att Nru

XXII/1998, u wkoll l-Artikoli 16 u 17 tal-Kapitolu 382 tal-Ligijiet ta’ Malta, u tikkundannah ghal multa komplessiva fl-ammont ta’ sitt elef hames mija disgha u tmenin Ewro, u disgha u disghin centezmu (€6,589.99), b’dan illi, terzi mill-multa dovuti bhala dazju ta’ importazzjoni, allura €743.33, u terz mill-multa dovuta bhala taxxa fuq il-valur mizjud allura €1,283.47 ghandhom jigi dikjarati bhala dejn civili;
Rat ukoll l-proviso (a) ta’ l-Artikolu 62 tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta’ Malta, u qieghda tikkundanna lill-imputat ghal piena karcerarja ta’ sitt(6) xhur sospizi ghal sena(1), u dan wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Tordna wkoll il-konfiska tal-lanca Al Basil I kif ukoll tas-sigaretti konfiskati.

Dwar ir-reast prospettat taht l-Artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, gia’ esprimiet ruhha din il-Qorti li Hi temmen li Arafa jifhem sew bil-Malti – ghalhekk fehem sew li Angelic Mifsud meta gew ghad-dikjarazzjoni mad-Dwana. Pero stante li Angelic Mifsud ma setax jifhem dak id-diskors li Arafa beda jaghmel mal-kaptan u vice versa bl-Egizzjan allura ma tistax tqis il-Qorti li d-dikjarazzjoni ta’ taghrif falz saret mill-kaptan, ghaldaqstant tqis illi ghandu jigi liberat minn dan ir-reat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------